**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 350/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Mericeca)**

**-Vs-**

**MATTHEW PORTELLI**
**LUCIA TALIANA**

**Illum, 21 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta'

**MATTHEW PORTELLI** ta' 32 sena, iben Moses u Miriam nee' Attard, imwieled Pieta nhar it-3 ta' Settembru, 1986, u li joqghod Binja tal-Mensija Ent. B, Flat 10, Triq George Tayar, San Gwann, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 398186M u

**LUCIA TALIANA** ta' 59 sena, bint Carmelo Mallia u Angela nee' Gauci, imwielda Birkirkara nhar it-2 ta' Marzu, 1960 u li toqghod Block B 4, Flat 4, Triq id-Dawr, Mosta, detentrici ta' karta ta' l-identita' nru. 183560M li tressqu quddiemha akkużati talli:-

**Lil MATTHEW PORTELLI wahdu**: Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 2018, mill-fond nru. 54, *Milord Tracy*, fi Triq Biccieni, Sqaq nru. 8, Zabbar, flimkien ma' Carmel Hartley:

(1) ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, liema serq sar ghad dannu ta' Alfred Darmanin u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

(2) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin (250) euro, u liema hsara saret ghad-dannu ta' Alfred Darmanin u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

(3) ikkommetta r-reati hawn addebitati, li jgorru piena ta' prigunerija, f'perjodu operattiv t'ordni ta' *probation* u servizz, ai termini ta' l-Artikoli 7 u 18 tal-Kapitolu 446, Att dwar il-*Probation*, tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D., nhar id-19 ta' Lulju, 2016.

(4) Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' dawn il-Gzejjer.

**Lil LUCIA TALIANA wahedha,** Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 2018, u/jew fil-gimghat u/jew xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

(5) Ghad li ma kinetx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi *(a), (b)* u *(c)* ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt

ta’ serq aggravat mill-fond nru. 54, *Milord Tracy*, fi Triq Biccieni, Sqaq nru. 8, Zabbar, mwettaq fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Marzu, 2018, gie ippreparat u/jew ikkunsmat.

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw waqt l-eżami li mhux ħatja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-23 ta’ Novembru, 2020 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe`:

**Fil-konfront ta’ Matthew Portelli;**

Fl-artikoli 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a) (b), 264 (1), 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280 (2) u 281 (b) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 325 (1) (ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 7, 18, 21, 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Fil-konfront ta’ Lucia Taliana;**

Fl-artikoli 42 (d), 43, 44, 45, 46, 261 (b) (c) (e) (f), 263 (a) (b), 264 (1), 267, 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280 (2) 281 (b) u 325 (1) (ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputati waqt l-udjenza tal-23 ta’ Novembru, 2020 jiddikjaraw li m’għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni ppreżentata fil-23 ta' Diċembru, 2020;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-imputata Lucia Taliana waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża tal-imputat Matthew Portelli ppreżentat fit-18 ta' Frar 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi illi s-serqa in kwistjoni ġiet imwettqa mill-imputat Matthew Portelli u Carmel Hartley, u dan bil-kompliċita' tal-imputata Lucia Taliana li assistiet b'mod materjali lill-awturi tas-serqa meta żvelat lill-imputat l-ieħor l-eżistenza u l-lok tas-*safe* ġewwa l-fond ta' Alfred Darmanin u meta assigurat ukoll li ma jkun hemm ħadd fil-fond fid-data u l-ħin meta kellha titwettaq din is-serqa.

**<u>Punti Saljenti mix-Xhieda</u>**

Mix-xhieda ta' Alfred Darmanin il-parti leża, jirriżulta li huwa kellu relazzjoni mal-imputata Lucia Taliana u matul din ir-relazzjoni huwa kien joqgħod magħha fir-residenza tagħha il-Mosta iżda fl-istess waqt, kien qed jirranġa dar li kellu ġewwa Ħaż Zabbar, Alley 8, Biċċieni Street, minn fejn saret is-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri. F'din id-dar huwa istalla *safe* ġewwa waħda mill-kmamar li ma jintużawx f'dan il-fond, liema kamra tasal għaliha minn ġol-bitħa u tgħaddi minn ġo żewġt ikmamar oħrajn li jinfdu ma' xulxin. Dan is-*safe*, li hu magħmul mill-ħadid, kien mgħotti b'biċċa injama u ma kienx jidher. Alfred Darmanin ikkonferma li l-uniċi persuni li

kienu jafu b'dan is-*safe* kienu l-imputata Lucia Taliana – li kienet għenitu tistallah - u t-tifel tiegħu Neil li dak iż-żmien kellu tmintax-il sena.

Alfred Darmanin xehed ukoll kif l-imputata Lucia Taliana kienet dejjem tgħidlu biex jiġbor id-deheb kollu t'ommu li kien qed jinżamm għand kuġintu[1] biex ipoġġih fis-*safe* ġewwa Ħaż Żabbar u xaharejn wara li għamel dan, saret is-serqa. Hu kkonferma li f'dan is-*safe* huwa poġġa deheb antik fosthom dudu tad-deheb oħxon u ieħor ftit inqas oħxon, *lucky charms*[2], kif ukoll is-somma ta' €18,000 f'kontanti u kkonferma li l-imputata kienet taf x'deheb kellu għaliex ġieli libsitu.

Huwa fisser kif nhar il-Ħamis, jumejn qabel is-serqa, li saret bejn is-Sibt 17 ta' Marzu 2018 u l-Ħadd 18 ta' Marzu 2018, kien telaq minn fuq ix-xogħol u minflok mar id-dar il-Mosta, mar għall-għarrieda fid-dar ta' Ħaż Żabbar għall-ħabta tas-1.30 p.m. jew 1.45 p.m. u hemmhekk sab lill-imputata qiegħda ddur mal-fond. Dakinhar tas-serqa huwa ħareġ mal-imputata filgħaxija u marru jieklu ġo restaurant il-Baħrija flimkien ma' ħuh Lawrence Darmanin u s-sieħba tiegħu Carmen Hartley għall-ħabta tat-8.30 p.m u damu hemmhekk sal-11.00 p.m. Spjega kif kienet l-imputata li ħarġet bl-idea li dakinhar joħorġu jieklu ma' ħuh u kienet bbukkjat ir-restaurant hija stess minn ġimgħa qabel.

Alfred Darmanin xehed illi mis-*safe* insteraq id-deheb u l-flus u minn ġol-kredenza fil-kamra tas-sodda u mill-vetrina tat-tazzi fis-salott insteraq €600 jew €500 fi flus kontanti. Ikkonferma wkoll li dak iż-żmien huwa kien għadu ma kienx qiegħed joqgħod fid-dar ta' Ħaż Żabbar iżda kien jinżel hemm ta' spiss.

---

[1] Lorenza Vella fix-xhieda tagħha, ikkonfermat illi kuġinuha Alfred Darmanin kien talabha żżomlu d-deheb ta' ommu biex ma jħallihx waħdu d-dar tal-Mosta fejn kien qed joqgħod għal ftit taż-żmien, u hi kienet aċċettat. Kienet tatulu lura xi ħames xhur qabel is-serqa meta kien talabulha lura biex jieħdu għandu ġewwa 54, Biċċiebi Street, Ħaż Żabbar.

[2] Lorenza Vella xehdet li fost id-deheb li kien taha Alfred Darmanin ġo bagalja biex iżżommulu, kien hemm par imsielet bil-foss safra, li kien ta' ommu, labra bil-fossa ħamra, żewġ ħbula (dudu), lucky charm, par ċpiepet ilkoll tad-deheb. Il-Qorti tosserva li wħud minn dawn l-oġġetti tad-deheb jidhru fir-ritratti esebiti minn Alfred Darmamin fix-xhieda tiegħu tal-

In kontro-eżami Alfred Darmanin xehed illi l-flus li nsterqu mid-dar kien iżommhom qabel f'gwardarobba ġod-dar fejn kien joqgħod qabel ġewwa 126, Biċċieni Street, Ħaż Zabbar. Ikkonferma wkoll li t-tifel tiegħu, Neil, kien jaf li fis-*safe* kien jinżamm xi flus kif ukoll xi flus minn tiegħu stess iżda ċaħad li ibnu kien jaf bil-kontenut tas-*safe* u dan fejn kien lokalizzat u nnega wkoll li huwa qatt ta xi flus lil ibnu minn ġo dan is-*safe*. Innega wkoll li ħuh Lawrence Darmanin kien jaf b'dan is-*safe* u l-kontenut tiegħu[3].

Ħu Alfred Darmanin, Lawrence Darmanin, xehed illi huwa ltaqa' ma' ħuh u Lucia Taliana għall-għarrieda kif wasal flimkien mal-partner tiegħu Carmen Hartley f'restaurant ġewwa Marsaxlokk u dak il-ħin, Lucia Taliana qaltilhom li kienet bbukkjatilhom mejda għas-Sibt ta' wara – il-ġunrata meta saret is-serqa mill-post ta' ħuh Alfred Darmanin - ġewwa restaurant il-Baħrija u dan mingħajr ma kienet avżathom qabel ibbukkjat.

Carmen Hartley, min-naħa tagħha, xehdet li meta ltaqgħu ma' Lucia Taliana u Alfred Darmanin fir-restaurant ta' Marsaxlokk, ma kienux miftiehmin li ħerġin flimkien magħhom iżda kienu inzertaw marru fl-istess restaurant Marsaxlokk u spiċċaw fuq l-istess mejda. Għalkemm mhux l-ewwel darba li kienu joħoġu jieklu flimkien bħala koppji, kienu jkunu avżati minn qabel li ħerġin flimkien u ma kienetx ħaġa tas-soltu li Lucia Taliana tibbukkjalhom mejda mingħajr ma tavżahom. Carmen Hartley xehdet ukoll li l-aħħar darba li kellmet lil żewġha Carmel Hartley, li ilha separata minn miegħu wieħed u għoxrin sena, kien Mejju tas-sena ta' qabel meta t-tifel tagħhom kellu inċident bil-karozza u qabel, meta t-tifel kien ħabat bil-karozza u kkonfermat li tkellmu biss minħabba t-tifel tagħhom u għal ebda raġuni oħra.

Carmel Hartley, li diġa' ġie proċessat u kkundannat għas-serqa li saret f'Marzu 2018 għad-dannu ta' Alfred Darmanin, xehed quddiem il-Qorti illi fl-10 ta' Marzu 2018 huwa rċieva telefonata mingħand l-imputat Matthew Portelli biex jiltaqgħu u kien ġie għalih id-dar San Ġwann fejn kien qed jgħix ma' ommu. Ix-xhud qal li dak iż-żmien

[3] Xhieda ta' Alfred Darmanin in kontro-eżami.

huwa flimkien ma' Matthew Portelli kienu qed iħallsu pagamenti fix-xahar lil ċertu wieħed Għawdxi, Maurice Borg, wara li ġew ikkundannati b'sentenza tal-Qorti biex iħallsuh is-somma ta' €3,100. Xehed illi Matthew Portelli qallu li jaf b'biċċa xogħol Ħaż Żabbar li setgħet tgħinhom iħallsu dawn il-pagamenti mensili u spjegalu li kellu ħabiba tal-partner tiegħu li tatu xi informazzjoni kif għandhom jidħlu ġewwa u jieħdu l-flus. Spjegalu li kien hemm kaxxa tal-ħadid ġol-ħajt li setgħet tinqala' u qallu wkoll li sehmu mis-serqa kien ser ikun ta' €3,100 li minnhom seta' jħallas lill-Għawdxi. Fl-aħħar iżda, Matthew Portelli spiċċa tah is-somma ta' €3,500.

Carmel Hartley xehed ukoll li huwa aċċetta li jwettaq din is-serqa flimkien mal-imputat Matthew Portelli u fis-17 ta' Marzu 2018 Matthew kien ċempillu biex jgħaddi għalih biex iwettqu s-serqa. Xehed ukoll li dakinhar Matthew Portelli qallu li "*qed jippreparaw biex jagħmlu ikla biex il-vittma joħroġ minn ġod-dar u naf il-ħinijiet li ma jkunx qiegħed hemmhekk*" iżda sadanittant, hu ma kienx għadu jaf fejn kellha ssir din is-serqa u min kien il-vittma. Speċifikatament, xehed illi huwa ma kienx jaf li ħu d-derubat kien jiġi l-partner tal-ex mara tiegħu għaliex kieku kien jaf minn qabel, żgur ma kienx jaċċetta li jwettaq is-serqa għaliex il-partner ta' martu kien qed irabbilu lil ibnu u jonfoqlu f'kull ma kellu bżonn.

Kompla jixhed li Matthew Portelli kien mar għalih għall-ħabta tad-9.00 p.m u s-serqa saret fl-10.30 p.m. jew il-11.00 p.m. minn ġo dar fi Triq il-Biċċieni, Ħaż Żabbar. Kif waslu fuq il-post, huwa fetaħ il-bieb bit-turnavit u llieva is-serratura u b'erba' tidwiriet il-bieb infetaħ. Daħlu t-tnejn fid-dar, ġew ġo bieb tal-aluminium, fetħu bieb ieħor u ġew ġo bitħa, u minn ġo din il-bitħa għaddew ġo bieb tal-aluminium ieħor – dejjem fl-istess dar - għal ġo kamra qisha bil-ħamrija u l-ġebel, fejn Matthew Portelli qallu li hemmhekk hemm kaxxa tal-ħadid sewda u jsibu l-flus ġo fiha. F'ħin minnhom Matthew Portelli mar jagħmel il-bżonnijiet tiegħu iżda ma jafx jekk ħariġx barra jew uża t-*toilet*. Il-kaxxa tal-ħadid sabuha ġol-ħajt u kien fiha ċavetta tan-nickel u nfetħet faċilment. Matthew Portelli qallu li kellhom bżonn borza u sabu xkora bajda tal-karti u meta xerridha sab fanali ta' karozza ġo fiha. Sakemm mar jittawwal għaliex sema' ħoss kbir u tarbija tibki, Matthew Portelli laħaq fetaħ il-kaxxa tal-ħadid

u kien ħa kollox ġol-ixkora u qallu li lest kollox u setgħu jitilqu. Hu ma rax il-kontenut tal-kaxxa tal-ħadid iżda għabba l-għodda li kien ġab miegħu mid-dar tiegħu u żewġ torċijiet u ingwanti, libsu l-barnużi u minn hemmhekk marru fejn l-Isptar Mater Dei u Matthew Portelli ħareġ is-somma ta' €3,500 mill-flus li ttieħdu minn ġos-*safe* u taħhomlu ta' sehmu. Ried itih ukoll ċurkett tat-tieġ u xi ħaġa oħra żgħira tad-deheb iżda hu ma aċċettahomx u qallu biex iżommhom għad-diesel. Matthew Portelli qallu wkoll li jrid jaqsam il-flus ukoll ma' żewġ persuni oħra ċioe' l-ħabiba tal-partner tiegħu u mal-istess sieħba tiegħu talli tawh l-informazzjoni. Stqarr iżda li hu ma jafx min hi s-sieħba ta' Matthew Portelli u lanqas qatt rah jagħtiha l-flus f'idha.

Carmel Hartley xehed ukoll li kien l-Ispettur investigattiv li kien qallu li kienu daħlu jisirqu proprju mingħand ħu Lawrence Darmanin li jiġi l-partner tal-eks mara tiegħu u dan sar jafu xi tlieta jew erba' xhur wara s-serqa. Qal li ma kienx jaf lanqas li l-ħabiba tal-partner ta' Matthew Portelli hija effettivament il-kunjata tiegħu u ma jafx min huma dawn iz-żewġ persuni.

Carmel Hartley xehed ukoll li darba minnhom, xi ħmistax wara s-serqa, Matthew Portelli ġablu arloġġ tal-marka Rotary u tefagħhulu l-garaxx fejn kien jaħdem u qallu li l-arloġġ "*kien qiegħed mitfugħ mal-affarijiet*" fil-kaxxa tal-ħadid iżda huwa bla preġju u seta' jagħżel iżommu jew jarmih. Hu qabad dan l-arloġġ u niżel bih fejn il-wied ta' San Ġwann u ħeles mill-palankina li kellu u mill-arloġġ billi tefagħhom ġo għalqa fejn hemm is-siġar tal-ħarrub u sussegwentement, meta kien qed jiġi investigat mill-Pulizija kien ħadhom fil-post eżatt fejn kien rema' l-arloġġ u sabu hemmhekk iżda ma sabx il-palankina. L-arloġġ ġie elevat mill-Pulizija u x-xhud għaraf dan l-arloġġ bħala Dok. JM1 esebit fl-atti liema arloġġ kien għadu fih biċċiet tal-ħamrija.

Xehed ukoll[4] li meta kien il-Qorti in konnessjoni ma' kawża oħra, huwa rrekordja lil Matthew Portelli bil-mobile ad insaputa tiegħu waqt li kienu fil-bini tal-Qorti, fejn huwa qallu li aħjar jammettu għas-serqa "*ta' Darmanin*"[5] forsi jingħataw piena

[4] Ara xhieda ta' Carmel Hartley tal-14 ta' Settembru 2020.
[5] Ara fol. 330.

imnaqqsa u l-imputat Portelli jinstema' jwieġbu "*Tammetti xejn, provi m'għandhom xejn, marka kull ma hemm fuq il-flushing biss*". Ix-xhud ikkonferma illi sakemm tefa' l-mobile ġie l-Ispettur Fleri jkellem lill-imputat Portelli u l-Ispettur jinstema' fir-*recording*s. Huwa għadda dan ir-*recording* lill-Ispettur.

Dwar l-imputata Lucia Taliana, Carmel Hartley ikkonferma fix-xhieda tiegħu li filwaqt li huwa ma jafhiex, għarafha quddiem il-Qorti bħala persuna li kien iltaqa' magħha darba fid-dar tal-partner ta' Matthew Portelli xi żmien wara s-serqa, fejn l-imputat Portelli kien qallu li tiġi omm il-partner tiegħu u hu kien ħadilha b'idha f'dik l-okkażjoni. Madanakollu, billi kellha xagħarha itwal u iswed dak iż-żmien, ma setax jiddikjara b'ċertezza li dik il-persuna kienet tabilħaqq l-imputata Lucia Taliana. Fir-*recording* tal-konversazzjoni li kellu mal-imputat Matthew Portelli, Carmel Hartley jinsema' jgħidlu li l-Ispettur Mercieca "*anke semma .... lil dik lil omm ... li stednitu għall-... li marret tagħmel l-ikla hi*".

Id-deskrizzjoni ta' kif wieħed jasal għall-kamra fejn kien jinzamm dan is-*safe* tikkombaċċja max-xhieda ta' Neil Darmanin li xehed hekk:- "*kif toħroġ minn ħol-bitħa, tidħol fil-kmamar ta' ġewwa u tiebqa' dieħel 'il ġewwa. ... minn ġo kamra, għal ġo kamra, għal ġo kamra oħra*"[6]. Ikkonferma li s-*safe* kien ġol-ħajt u kien uruihulu missieru xi erba' xhur qabel is-serqa u kien qallu li kien iżomm kollox ġo fih u ma kien jaf ħadd b'dan is-*safe* għaliex hu ma kienx qal lil ħadd dwar l-eżistenza tas-*safe*. Hu xehed illi sar jaf bis-serqa meta ċemplitlu l-għada tas-serqa l-imputata Lucia Taliana li dak iż-żmien kienet f'relazzjoni ma' missieru.

L-imputati għażlu lu ma jixhdux quddiem il-Qorti kif kellhom kull dritt jagħmlu iżda kienu rrilaxxaw żewġ stqarrijiet kull wieħed fejn ċaħdu kull involviment fis-serqa. In sostanza, jirriżulta mill-istqarrija ta' Matthew Portelli li huwa kien jaf lil Alfred Darmanin għaliex is-sieħba tiegħu tiġi bint Lucia Taliana u kienu joħorġu flimkien ta' sikwit.

[6] Xhieda tal-24 ta' Settembru 2019.

Lucia Taliana da parti tagħha ammettiet inizzjalment li kienet taf li Alfred Darmanin kellu jistalla *safe* fid-dar ta' Ħaż Żabbar u qalet li kien uriha wkoll il-ħofra fil-ħajt fejn kien bi ħsiebu jistallah u marret miegħu biex jixtri l-lock biex isakkar is-*safe*. Filwaqt li stqarret ukoll li kienet hi li qatlu biex iġib id-deheb ta' ommu mingħand kuġintu biex ipoġġih fis-*safe*, insistiet li qatt ma rat is-*safe* istallat fil-ħajt u ma tafx il-lok preċiż fejn twaħħal.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dik is-serqa jew ħsara. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli, ordinarji u esperti, diretti u indiretti jew indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u dan għaliex huwa rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u *safe*jn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq* parti minn dak li jkun qed *jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[7]

Għandu jingħad li spiss jiġu riskontrati każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

[7] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[8], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

**<u>Provi Oħrajn u Kunsiderazzjonijiet dwar Ħtija</u>**

Illi l-Qorti tgħid bla tlaqliq li l-Prosekuzzjoni rnexxileha tipprova l-ħtija tal-imputat Matthew Portelli bħala l-awtur tas-serqa li twettqet mill-fond 54, Milord Tracy, Biċċieni Street, Ħaż Zabbar a dannu ta' Alfred Darmanin, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Speċifikatament, tqis li x-xhieda ta' Carmel Hartley, li baqgħet ma ġietx kontestata serjament għal dak li hu l-kontenut sostantiv tal-verżjoni tiegħu, hi konklussiva in kwantu jafferma illi huwa wettaq din is-serqa flimkien ma' u fuq direzzjoni tal-imputat Matthew Portelli li kien ħadu fil-fond ġewwa Triq il-Biċċieni, Ħaż Żabbar speċifikatament biex jisirqu minn ġos-*safe* li kien jinsab f'dan il-fond u effettivament serqu ammont ta' deheb u flus kontanti li minnhom l-imputat Portelli ħallsu sehmu fis-somma ta' €3,500. Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Carmel Hartley hi wkoll verosimili għaliex hi korroborata pjenament minn evidenza ċirkostanzjali u oġġettiva akkwiżita fl-atti proċesswali, nonche' r-*recording* ta' konversazzjoni li huwa ppruvat li kellu mal-imputat Portelli in segwitu għal din is-serqa.

---

[8] Deciza 9.7.2003.

Illi r-*recording* imsemmi fix-xhieda ta' Carmel Hartley ġie estratt mit-telefon ċellulari tiegħu u kkupjat fuq CD minn PC 432 Sandro Mamo[9] u jinsab esebit fl-atti u minn eżami tiegħu jirriżulta li dan ġie reġistrat fl-24 ta' Jannar 2019 ċioe' fl-istess data meta l-imputat Portelli deher quddiem il-Qorti bħala ko-imputat mal-istess Carmel Hartley f'proċeduri kriminali pendenti dak iż-żmien quddiem din il-Qorti diversament preseduta (ara verbal tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Matthew Portelli u Carmel Hartley -** Dok. JM10, fol. 312). B'hekk jingħata konfort sħiħ lill-verżjoni ta' Carmel Hartley li effettivament, ir-*recording* sar fil-bini tal-Qorti wara s-smigħ tal-proċeduri kriminali appena msemmija, bil-prosekuzzjoni immexxija mill-Ispettur Fabian Fleri, li fihom Carmel Hartley kien ko-akkużat flimkien mal-imputat Portelli u illi, kif del resto afferma fix-xhieda tiegħu, fir-*recording* jinstema' l-leħen tal-imputat Matthew Portelli fejn fost affarijiet oħra jgħidlu biex ma jammetti għal xejn għaliex "*m'hemm xejn, qed ngħidlek jiena m'hemm xejn, l-unika marka li sabu tal-forensika hija fuq il-flushing, issa jiena meta mort fejn il-flushing bl-ingwanta quddiemi ... Jien bl-ingwanti kont*"[10].

Tajjeb li hawnhekk jiġi osservat li Carmel Hartley ġie imressaq quddiem din il-Qorti diversament preseduta akkużat b'kompliċita' fis-serqa mill-fond ta' Alfred Darmanin u fl-10 ta' Frar 2019 kien ammetta l-involviment tiegħu f'din is-serqa. Hu ġie debitament proċessat u l-kundanna tiegħu ġiet konfermata permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2019[11]. Dan kollu jirriżulta mix-xhieda ta' Carmel Hartley innifsu[12] u wkoll mit-testimonjanza tal-Ispettur Joseph Mercieca li xehed illi Carmel Hartley kien ġie debitament processat għar-rwol tiegħu f'dan ir-reat ta' serq iżda fuq kollox, jirriżulta mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2019 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Hartley** li l-Qorti ħadet konjizzjoni ġudizzjarja tagħha. Billi għalhekk f'dak l-istadju huwa ma kienx għadu ko-akkużat bir-reat ta' serq mertu ta' dawn il-proċeduri, ix-xhieda ta' Carmel Hartley f'dawn il-proċeduri tiswa u hija ammissibbli bħala prova

[9] Ara xhieda ta' PC 432 Sanro Mamo, tal-14 ta' Settembru 2020.
[10] Ara traskrizzjoni tal-kontenut tar-recording fuq CD Dok. JM2 (fol. 23) – traskrizzjoni Dok. MM1.
[11] Ara xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca tal-31 ta' Ottubru 2019.
[12] Xhieda tal-15 ta' Lulju 2019.

f'dawn il-proċeduri kontra l-imputati odjerni u sejra tingħata d-debitu valur probatorju skont il-każ.

Kwantu għall-evidenza li tikkorrobora l-verżjoni ta' Carmel Hartley, wieħed isib ukoll il-filmati li ġew elevati bħala parti mill-Inkjesta Maġisterjali u li minn eżami tagħhom jirriżulta li kienu tnejn il-persuni li daħlu fil-fond ta' Alfred Darmanin u meta dawn ħarġu mill-fond, wieħed minnhom jidher qed iġorr xkora fuq dahru. Fil-kors tal-Inkjesta Maġisterjali ġie elevat ukoll minn fuq il-post mill-Ufficjali tax-Xena tad-Delitt, likwidu li jirrizulta li huwa awrina kif ukoll impronti diġitali minn fuq il-flushing tat-*toilet*. Dan kollu hu relevanti għaliex jikkonforta ulterjorment il-verżjoni ta' Carmel Hartley li huwa daħal jisraq mill-fond flimkien mal-imputat Matthew Portelli u l-flus u oġġetti oħrajn li ħadu mid-dar u minn ġos-*safe*, poġġewhom ġo xkora li ġarrha fuq dahru l-istess Carmel Hartley. Hija b'hekk sostanzjata wkoll dik il-parti mill-verżjoni tiegħu fejn xehed li l-imputat Portelli kien mar jagħmel il-bżonnijiet tiegħu waqt is-serqa u li kien qallu sussegwentement li l-uniku impront diġitali li huwa seta' ħalla fil-post kienet fuq il-*flushing* tat-*toilet*.

Kwantu għar-recording tal-konversazzjoni bejn Carmel Hartley u l-imputat Portelli, il-Qorti tosserva illi għalkemm fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 id-difiża tal-imputat Matthew Portelli qanqlet il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita` ta' din ir-*recording*, ma fissritx il-bażi legali ta' din il-kontestazzjoni u baqghet qatt ma kkontestat bis-serjeta` l-produzzjoni ta' din il-prova fl-istadju opportun jew għamlet talba formali ghall-isfilz tagħha. Fuq kollox, imkien ma ġie kontestat effettivament illi l-persuna li Carmel Hartley qal li kien qed jitkellem magħha f'dik l-okkażjoni hija l-imputat Portelli.

F'kull każ, qajla hemm għalfejn jingħad illi din ir-*recording* magħmula minn Carmel Hartley – il-kompliċi fis-serqa in kwistjoni - tal-konversazzjoni li kellu mal-imputat Matthew Portelli dwar is-serqa mill-fond ta' Darmanin, hija pjenament ammissibbli bħala prova: il-liġi taghna ma tistabbilixxi l-ebda *exclusionary rule of evidence* li tirrendi inammissibbli *recordings* ta' episodji jew konversazzjonijiet li huma relevanti sabiex jiġu stabbiliti l-fatti tal-kaz, anke jekk tabilħaqq dawn ir-*recordings* inkisbu ad

insaputa tal-persuna li tidher jew tinstema' fir-*recordings* jew addirittura bi ksur ta' xi liġi. Għall-kuntrarju, fis-sistema ġuridika tagħna hija r-relevanza u l-portata tal-evidenza, anzicche` l-mezz li bih inkisbet l-evidenza li tiddetermina l-ammissibbilita` o meno tal-evidenza: il-prinċipju regolanti in materja tal-ammissibbilita` ta' evidenza, anke fi proceduri penali, huwa dak enunċjat mill-Artikoli 558, 559 u 560 tal-Kap. 12[13] ċioe` illi l-evidenza hija ammissibbli kemm il-darba hija relevanti għall-vertenza in litiġju.

Dan il-prinċipju ġie riaffermat fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[14], fejn ingħad hekk:-

"*Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli.*"

Fil-kaz **Kuruma, Son of Kaniu v. The Queen**[15], Lord Goddard CJ qal hekk fir-rigward:-

*". . . the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their lordships' opinion it is plainly right in principle.*"

---

[13] Rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali in virtu` tal-Artikolu 520 tal-Kap. 9.

[14] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 26 ta' April 2001.

[15] [1955] AC 197 – Citat fi Blackstone Part F2 p.2347, 2012 Ed. "*Referring to this pronouncement in Jeffrey v Black [1978] QB 490, Lord Widgery CJ said (at p. 497): 'I have not the least doubt that we must firmly accept the proposition that an irregularity in obtaining evidence does not render the evidence inadmissible*."

Il-Qorti tqis illi anke jekk il-materja tal-ammissibbilita` bħala evidenza ta' *recordings* ta' konversazzjonijiet jew telefonati tigi mistharrġa mill-ottika tad-dritt fondamentali tas-smigħ xieraq garantit lill-persuna mixlija b'reat kriminali li tinstema' fir-*recording,* xorta waħda ma jirriżultax li l-ammissibbilita` ta' tali *recordings* għandha tiġi eskluża.

**Harris, O'Boyle, Bates & Buckely**[16] jgħidu hekk in propositu:-

*"In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based."*

Ir-*recording* tal-konversazzjoni magħmula minn Carmel Hartley u esebita fl-atti hija, fil-fehma tal-Qorti, ferm relevanti għad-determinazzjoni tal-fatti mertu tal-każ u konsegwentement, ir-*recording* hija ammissibbli bħala prova u ser tingħata d-debitu valur probatorju fl-evalwazzjoni tal-provi għall-fini tad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputati.  Il-Qorti semgħet din ir-recording u fehmet li r-referenza fil-

[16] *Law of the European Convention on Human Rights* (2014 Ed., p. 418 *et seq.*).

konversazzjoni hi evidentement għas-serqa li Carmel Hartley u Matthew Portelli wettqu flimkien ("*ta' Darmanin*"[17]) u fejn l-imputat Portelli jinstema' jgħid "*jien bl-ingwanti kont*" u jinsisti ripetutament li m'hemmx provi għaliex instabet marka biss fuq il-flushing tat-*toilet*. Għall-Qorti din hi prova inkonfutabbli tal-involviment tal-imputat Portelli bħala l-awtur tas-serqa mill-fond ta' Alfred Darmanin.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Ħtija tal-imputata Lucia Taliana</u>**

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PC 302 B. Alken, fejn jirriżulta li s-*safe* ta' Alfred Darmanin kien moħbi wara injama ġewwa kamra li mhux biss ma tintużax u biex tasal għaliha trid tgħaddi minn diversi kmamar oħrajn, iżda kamra li hi inabitabbli u mimlija imbarazz u oġġetti għar-rimi. Miżmum dan ferm u wara li qieset il-verżjoni ta' Carmel Hartley – liema verżjoni kif diġa' stabbilit, il-Qorti tqis li hija veritjiera – hija konvinta wkoll li din is-serqa kienet *an inside job* bis-*safe* ikun fil-mira diretta tal-imputat Portelli li kien jaf eżattament fejn kellu jfittxu u kif kellu jitfaħ is-serratura. Carmel Hartley xehed b'mod mhux kuntrastat li l-imputat Matthew Portelli kellu informazzjoni dwar l-eżistenza kif ukoll il-lok preċiż tas-*safe* li kien hemm fil-fond: hu xehed li l-imputat Portelli kien qallu li ħabiba tal-partner tiegħu li tatu xi informazzjoni dwar kif għandhom jidħlu ġewwa l-fond u jieħdu l-flus u li kien hemm kaxxa tal-ħadid ġol-ħajt

Hu fatt mhux kontestat illi, kif ingħad, l-imputata Lucia Taliana hija l-"*kunjata*" tal-imputat Matthew Portelli u kienet ukoll, anke fiż-żmien li saret is-serqa, il-partner tad-derubat, Alfred Darmanin. L-imputat Portelli fl-istqarrija tiegħu tal-14 ta' Settembru 2018 qal li huma kienu jiltaqgħu bħala koppji kull ġimgħa fis-sentejn li kienu ilhom joħorġu flimkien l-imputata Lucia Taliana u Alfred Darmanin. Afferma wkoll li kien jaf fejn tinsab id-dar ta' Alfred Darmanin Ħaż Żabbar għaliex meta kien qed jirranġa d-dar, hu kien jiġborlu t-terrapien bil-vann u jarmihulu l-Magħtab, għalkemm ċaħad li qatt daħal fid-dar. L-imputat Portelli stqarr ukoll li l-imputata Taliana kienet marret

---

[17] Traskrizzjoni, fol. 330.

iżżuru meta kien il-ħabs fuq każ ieħor u kellmitu dwar is-serqa in kwistjoni, qaltlu li t-tifel ta' Alfred Darmanin kien mar jiftaħar qabel is-serqa bil-ġid li kellu missieru.

Dan kollu magħdud iwassal lill-Qorti tagħmel osservazzjoni ulterjuri fir-rigward: mill-*call profiles* esebiti fl-atti, jirriżulta illi l-imputat Matthew Portelli pprova jagħmel kuntatt mal-imputata Lucia Taliana billi ċempel lin-numru tat-telefon tagħha fil-15 ta' Marzu 2018, jumejn qabel is-serqa[18]. Iżda Lucia Taliana nnegat li hija qatt iċċempel lill-imputat Matthew Portelli: "*... lil Matthew x'inċempillu nagħmel? ... Għalfejn għandi nċempel lil Matthew jien?*" Għalkemm jirriżulta, effettivament, li kien l-imputat Matthew Portelli li ċempel lil Lucia Taliana u mhux vice versa, l-imputata meta ġiet rinfaċċjata b'din il-verżjoni, stqarret li ma kellha xejn x'iżżid jew xi tbiddel f'dak li kienet diġa' stqarret. Huwa sinjifikanti wkoll li da parti tieghu, Matthew Portelli ukoll ċaħad kategorikament illi huwa qatt ċempel lil Lucia Taliana "*Jien lanqas qatt ma ċempiltilha f'ħajti .. Meta kont inċemplilha, kont inċemplilha minn fuq it-telefon tad-dar ... jien qatt ma ċempiltilha fuq mowbajls*"[19].

Il-Qorti tqis li dan il-kuntatt telefoniku li skont entrambi l-imputati, qatt ma seħħ, jikkonforta t-teżi tal-Prosekuzzjoni li kienet l-imputata Lucia Taliana, li tiġi omm is-sieħba tal-imputat Portelli, illi għarrfet lill-imputat Portelli dwar l-eżistenza u l-lok tas-*safe* fil-fond tas-sieħeb tagħha, Alfred Darmanin. Sinjifikanti fil-fehma tal-Qorti hu wkoll il-fatt illi din it-telefonata tfisser li l-imputat Portelli pprova jikkomunika mal-imputata l-oħra ftit tal-ħin biss wara li, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Alfred Darmanin, huwa kien sab lill-imputata Taliana inaspettatament fil-fond nhar il-Ħamis jumejn qabel is-serqa, meta telaq minn fuq ix-xogħol għall-għarrieda. L-imputata Lucia Taliana stqarret mal-Pulizija li hija marret għall-għarrieda fid-dar ta' Ħaż Żabbar għaliex kellha suspett li Alfred Darmanin kellu mara oħra peress li kien iqatta' ħafna ħin kuljum Ħaż Żabbar u għaliex semgħet li kien ma' xi ħadd iżda fl-istess waqt, tammetti wkoll li qatt ma kkonfrontatu b'dan is-suspett.

[18] Ara Dok. CZ1, fol. 144 *tergo* kif ukoll fol. 179 u 180 (subsciber details).
[19] Stqarrija tat-8 ta' Ġunju 2019 - fol. 303.

Iżda l-Qorti, miżmum ferm il-fatt li biss ftit tal-ħin wara, l-imputat Portelli pprova jċemplilha meta skont iż-żewġ imputati, huma qatt ma jċemplu lil xulxin, m'hijiex konvinta dwar il-ġenwinita' tal-mossa tal-imputata Taliana.

Wisq inqas m'hija konvinta bil-ġenwinita' tal-manuvra tal-istess imputata meta bbukjat ikla ġewwa restaurant minn Sibt għal ieħor, għaliha u għall-imputat Alfred Darmanin kif ukoll għal ħuh Lawrence Darmanin u s-sieħba tiegħu, mingħajr lanqas biss għarrfithom minn qabel li sejra tagħmel dan u mingħajr ma vverifikat magħhom jekk dan kienx konvenjenti għalihom. Dan qed jingħad għaliex fl-istqarrija li tat lill-Pulizija fil-5 ta' Ottubru 2018, Lucia Taliana insistiet li ma tiftakarx jekk kienetx ibbukkjat hija stess l-ikla tas-Sibt 17 ta' Marzu 2018 il-Baħrija għalihom u għal Lawrence Darmanin u Carmen Hartley u qalet li seta' kien kumbinazzjoni li kien hemm Lawrence Darmanin u s-sieħba tiegħu fl-istess restaurant dakinhar. Qalet ukoll li jekk wara kollox kienet ibbukkjat hi, dan tkun għamlitu għaliex ikun qalilha Alfred Darmanin għaliex ma kellhiex dik il-kunfidenza ma' ħuh. Stqarret: "*Għax jien mhux ħa naqbad u nibbukkja koppja li ma nafx jekk hux ġejjin. Dejjem hu jistaqsi ...*". Din l-istess fehma esprimewha sija Carmen Hartley u kif ukoll Lawrence Darmanin fix-xhieda tagħhom.

Iżda sussegwentement, l-imputata Lucia Taliana eskludiet li kien Alfred Darmanin li kien qalilha biex tibbukkja mejda għal erba' u insistiet, fit-tieni stqarrija li rilaxxat lill-Pulizija, illi *"huma bbukkjaw għalihom u aħna bbukkjajna għalina dakinhar. Aħna sibnihom hemm, lanqas nafu bihom" ... "... mhux ser nibbukkja lil nies li ma jridux jieklu jew li sejrin x'imkien ieħor għax dawn mhux kull nhar ta' Sibt kienu joħorġu magħna.*"[20]. Din l-istqarrija tikkuntrasta mal-linja difensjonali li invokat id-difiża tal-imputata waqt it-trattazzjoni finali, fejn ġie sottomess illi kienet ħaġa tas-soltu li hija kienet taqbad u tibbukkja mejda għall-erba' li huma minn Sibt għal ieħor mingħajr ma tgħarrafhom minn qabel.

[20] Fol. 283.

Il-Qorti, wara li qieset li huwa ppruvat mill-kumpless tax-xhieda ta' Alfred Darmanin, Lawrence Darmanin u Carmen Hartley illi kienet l-imputata Taliana li kienet ibbukkjatilhom ikla ġewwa restaurant għas-Sibt ta' wara mingħajr lanqas avżathom minn qabel, temmen li effettivament, l-imputata kienet għamlet dan il-*booking* minn jeddha u li hawnhekk aġixxiet b'mod differenti mis-soltu fejn kien jidħol il-ħruġ ma' ħu Alfred Darmanin u s-sieħba tiegħu.

Il-Qorti żżid tosserva fir-rigward illi fir-*recording* tal-konversazzjoni li kellu mal-imputat Matthew Portelli, Carmel Hartley jinsema' jgħidlu li l-Ispettur Mercieca "*anke semma .... lil dik lil omm ... li stednitu għall-... li marret tagħmel l-ikla hi*". Hu ovvju li din hija referenza evidenti mhux biss għall-ikla li l-imputata Lucia Taliana organizzat fil-lejl li twettqet is-serqa iżda wkoll għall-fatt illi Carmel Hartley, il-kompliċi, kien konsapevoli dak iż-żmien bin-ness bejn iż-żewġ imputati odjerni u s-serqa. Għall-Qorti dan hu indizzju ieħor li din l-ikla kienet b'xi mod marbuta mas-serqa: kemm hu hekk, ma jirriżultax mir-*recording* li l-imputat Portelli dak il-ħin innega l-konnessjoni li għamel Carmel Hartley bejn l-ikla u s-serqa u effettivament ma qal xejn meta konfrontat b'din l-allegazzjoni ħlief baqa' jinsisti li instabet biss marka waħda u li l-investigaturi m'għandhom l-ebda provi.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputata Lucia Taliana fl-ewwel stqarrija li kienet rilaxxat lill-Pulizija[21], ammettiet li hija kienet taf bis-*safe* u dan is-*safe* kien urihulha Alfred Darmanin bħalma kien urielha wkoll il-ħofra fejn kellu jiġi istallat. Stqarret ukoll li kienet akkumpanjatu meta mar Birkirkara biex tiġi istallata s-serratura tas-*safe* ("*biex jagħmillu l-lock tiegħu biex jissakkar*"[22]). Iżda insistiet li għalkemm Alfred Darmanin kien qalilha li kien waħħal is-*safe* u tah il-konkos, hija qatt ma ratu istallat u lanqas taf fejn kien ġie effettivament istallat. Hi ċaħdet b'mod assolut l-involviment tagħha u insistiet li qatt ma qalet lil Matthew Portelli jew lil bintha, is-sieħba tiegħu, dwar dan is-*safe*.

---

[21] Stqarrija tal-5 ta' Ottubru 2018, Dok. B fol. 231 *et seq*.
[22] Fol. 237.

Iżda l-Qorti tosserva illi meta ġiet interrogata sussegwentement, fit-8 ta' Ġunju 2019, l-imputata Taliana bidlet il-verżjoni u ċaħdet li kienet taf fejn kellu jeħel dan is-*safe*[23] u ċaħdet ukoll li Alfred Darmanin kien uriha fejn se jeħel. Dan hu episodju ieħor ta' inkonsistenza evidenti fil-verżjoni tal-imputata Lucia Taliana li, fil-qies tal-evidenza l-oħra kollha ċirkostanzjali fl-atti proċesswali, ikompli jikkonvinċi lill-Qorti li ma tistax tagħti affidament lill-verżjoni tal-imputata Lucia Taliana.

Għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi jġorru iktar piż mill-provi diretti, madanakollu huwa risaput li l-provi indizzjarji jridu jigu eżaminati b'aktar ċirkospezzjoni mill-provi diretti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Lee Borg**[24], kien gie ritenut li sabiex tista' twassal għal prova ta' ħtija, evidenza ċirkostanzjali għandha tkun univoka, konsistenti f'indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat biss – u ħadd iktar - mar-reat u li juru li kien l-imputat biss li għamel dak li gie akkużat bih.

Kif gie ritenut ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:-

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*."

Il-Blackstone[25], b'referenza ghall-kaz ta' **DPP v. Kilbourne**[26], jiddeskrivi hekk il-funzjoni ta' evidenza cirkostanzjali f'kawzi penali:-

"*Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' … … …"*

Ikompli:-

[23] "*Le, ma kontx naf fejn se jeħel*" – fol. 380.
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' Gunju 1998.
[25] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., Vol. 1, p. 2335.
[26] DPP v Kilbourne [1973] AC 729 per Lord Simon at p. 758.

"*Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said: 'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence — there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (Exall (1866) 4 F & F 922, at p. 929.) However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v The Queen [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nonetheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (McGreevy v DPP [1973] 1 WLR 276).*"[27]

Din hija l-istess pożizzjoni mħaddna mill-Qrati tagħna u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simeon Nicholas Sultana**[28]**,** ġie ikkunsidrat:-

"*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment*

[27] *Op cit*. Vol. 1, p. 2336.

[28] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001.

*jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*"

Applikati dawn il-prinċipji għar-rizultanzi tal-provi fl-atti ta' din il-kawża, il-Qorti trid tiddetermina jekk, fl-isfond tal-każ kollu, jirriżultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-indizzji fuq imsemmija iwasslux għal konvinċiment morali li l-imputata Lucia Taliana ippartecipat bħala kompliċi fir-reat tas-serq mill-fond ta' Alfred Darmanin.

Il-Qorti rat il-provi u l-atti kollha u hi tal-fehma illi dawn l-indizzji ossia provi indiretti kollha - senjatament (i) il-fatt li t-tentattiv ta' komunikazzjoni telefonika bejn iż-żewġ imputati sar jumejn biss qabel is-serqa u ftit tal-ħin biss wara li d-derubat inzerta b'mod inaspettat lill-imputata Lucia Taliana fil-fond tiegħu u f'ċirkostanzi meta ż-żewġ imputati eskludew kategorikament illi huma qatt ikkuntattjaw lil xulxin fuq it-telefon ċellulari, (ii) ix-xhieda ta' Alfred Darmanin li kkonferma li apparti ibnu, kienet biss l-imputata Lucia Taliana li kienet taf bl-eżistenza, il-lok u l-kontenut tas-*safe* sewwasew għaliex kienet għenitu jistallah fiżikament, (iii) il-fatt li l-imputata stqarret li kienet preżenti meta huwa xtara s-serratura tas-*safe*, (iv) il-fatt inkonfutabbli l-istess Lucia Taliana hija omm is-sieħba tal-imputat Matthew Portelli li kif diġa' ġie stabbilit, huwa l-awtur tas-serqa, u (v) il-mossa insolita tal-imputata Lucia Taliana li tibbukkja minn ġimgħa qabel u mingħajr ma għarrfet preventivament lil ħu d-derubat u s-sieħba tiegħu, ħarġa għaż-żewġ koppji proprju f'dak il-lejl meta twettqet is-serqa mill-fond ta' seħibha - **waħedhom u individwalment** m'humiex biżżejjed biex isawru prova fil-grad rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali dwar il-ħtija tal-imputata Taliana għall-kompliċita' fid-delitt u jeħtieġu korroborazzjoni minn provi testimonjali jew cirkostanzjali ohra.

Madanakollu, fl-istess waqt, il-Qorti tqis illi din l-evidenza kollha ċirkostanzjali u indizzjarja, meta titqiegħed flimkien fil-ġabra tal-provi kollha akkwiżiti fl-atti kif ukoll fl-isfond tal-prova diretta tax-xhieda ta' Carmel Hartley li, fost diversi affarijiet

oħrajn, fisser kif skont l-imputat Portelli kienet "*il-ħabiba*" tas-sieħba tiegħu li tatu l-informazzjoni dwar kif għandu jidħol fil-fond u jillokalizza s-*safe*, ma tistax ħlief twassal għall-konklużjoni li l-imputata Lucia Taliana hija effettivament din "*il-ħabiba"* u li kienet kompliċi f'din is-serqa.

Ikkunsidrat;

Illi t-teżi tad-difiża tal-imputata Lucia Talian hi li hemm diversi fatturi li meħudin flimkien, inisslu dubju raġjonevoli dwar l-allegat rwol tagħhom f'din is-serqa. Ġie sottomess illi l-imputata ma kienetx l-unika persuna li kienet taf bl-eżistenza u l-kontenut tas-*safe* u kien hemm persuni oħrajn li kienu jafu bih, fosthom Neil Darmanin, it-tifel ta' Alfred Darmanin li ġie allegat li kien jaf bil-lok fejn jinsab is-*safe*. Ġie sottomess ukoll mid-difiża tal-imputata Taliana illi f'kull każ Carmen Hartley - li kienet miżżewġa lil wieħed mill-awturi tas-serqa, Carmel Hartley, u tiġi wkoll is-sieħba ta' ħu d-derubat Alfred Darmanin - kienet taf li dakinhar tas-serqa ma kien ser ikun hemm ħadd fil-fond għaliex kienu jinsabu jieklu lkoll flimkien ġewwa restaurant fil-ħin tas-serqa. Iżda din it-teżi mhijiex konvinċenti, lanqas sal-grad tal-probabbli, u ma tagħmel xejn biex tnissel xi dubju, wisq inqas dubju raġjonevoli, fil-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni liema provi huma univoċi in kwantu jimmanifestaw diżinn qarrieqi imfassal miż-żewġ imputati bl-assistenza u l-benefiċċju ulterjuri tar-rabta familjari bejniethom.

Huwa minnu li l-imputati mhux obbligati jipprovaw xejn iżda l-Qorti hi tal-fehma li minkejja ġie stabbilit inkonfutabbilment mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni li hemm ness evidenti bejn l-imputata Lucia Taliana u s-serqa in diżamina, l-istess imputata, minkejja li d-difiża tagħha hi evidentement imsejsa fuq ċaħda kategorika ta' kwalsiasi rabta bejnha u bejn is-serqa, ma ressqet l-ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensur tagħha, biex jitnissel dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-

kompliċita' tagħha f'din is-serqa u biex tikkonvinċi li fuq bażi ta' probabbilita' ma kienetx kompliċi fis-serqa[29].

Effettivament, il-Qorti ma tirravviża l-ebda xenarju ieħor kwalsiasi, wisq inqas wieħed raġjonevoli, li jista' jnaqqas b'xi mod mill-univoċita' tal-evidenza ċirkostanzjali imressqa mill-Prosekuzzjoni u li tirriżulta mill-atti proċesswali, jew inaqqas mill-konvinċiment tal-Qorti, dwar il-parteċipazzjoni tal-imputata Lucia Taliana fit-twettiq ta' din is-serqa: dan billi wasslet lis-sieħeb ta' bintha l-informazzjoni essenzjali li bl-ebda mod ieħor ma jidher li seta' jikseb dwar l-eżistenza u l-kontenut tas-*safe*.

Mill-ġabra tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel akkuża, hemm biżżejjed evidenza li torbot lill-imputata ma' din is-serqa u li abbażi tagħha il-Qorti tqis li tista' tasal b'sikurezza għall-konklużjoni li l-imputata Lucia Taliana rrendiet ruħha kompliċi f'din is-serqa għad-dannu tas-sieħeb tagħha ta' dak iż-żmien, Alfred Darmanin. Dan qed jingħad għaliex kif diġa' stabbilit, l-evidenza ċirkostanzjali hija univoka u tinstawra konvinċiment morali f'moħħ il-Qorti li ma kien ħadd ħlief Lucia Taliana li wasslet l-informazzjoni relevanti lis-sieħeb ta' bintha u missier in-neputijiet tagħha, li f'daru Alfred Darmanin kellu *safe* imwaħħal ġol-ħajt b'deheb u flus kontanti ġo fih. Il-Qorti hi wkoll sodisfatta bil-prova li din it-trasmissjoni ta' informazzjoni mhux biss tikkostitwixxi assistenza għall-fini tat-twettiq tad-delitt kif maħsub fl-Artikolu 42 tal-Kap. 9, iżda saret ukoll xjentement. Din il-konklużjoni hi rinforzata bix-xhieda ta' Carmel Hartley meta afferma li l-imputat Portelli kien għarrfu iktar minn darba li kellhom ukoll jipparteċipaw fit-tqassim tal-flus u oġġetti misruqa, is-sieħba tiegħu stess "*u l-ħabiba tagħha*".

Biex tfisser aħjar dan il-konvinċiment lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-imputat għas-serqiet mertu tal-ewwel akkuża, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

[29] Ara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008.

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[30]

Ikkunsidrat;

L-imputat Matthew Portelli ġie akkużat b'serq aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, bil-mezz, bil-lok, kif ukoll bil-ħin.

PS1593 Alfred Cachia li kien mar fuq il-post tas-serqa, xehed illi filwaqt li huwa ra l-bieb ta' barra tal-fond ta' Alfred Darmanin sgassat u ra wkoll is-*safe* midfun ġol-ħajt li kien mgħotti wara injama u xi għodda. Dan hu korroborat mix-xhieda ta' Carmel Hartley li kkonferma li l-aċċess għall-fond ta' Alfred Darmanin inkiseb bl-isgass tas-

[30] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

serratura tal-bieb ta' barra u ġiet sgassata wkoll is-serratura ta' bieb tal-aluminium ġewwa l-fond kif ukoll is-serratura tas-*safe*. Is-serratura sgassata tal-bieb ta' barra tal-fond kif ukoll tal-bieb tal-aluminium tal-kamra fejn kien jinsab is-*safe*, jidhru fir-ritratti a fol. 74 u 75 u 82 tal-*proces-verbal* formanti parti mir-relazzjoni tal-espert tax-Xena tad-Delitt PC 302 B. Alken u għalhekk, hu ppruvat li s-serq hu aggravat bil-mezz.

Ġie ppruvat ukoll li l-fond in diżamina hija dar ta' abitazzjoni: dan hu evidenti mir-ritratti a fol. 76 sa 79 tal-*proces-verbal*, kif ukoll mix-xhieda ta' Alfred Darmanin li xehed illi huwa kien qed jirranġa l-fond biex imur jgħix hemmhekk - kif fil-fatt eventwalment għamel. Il-fatt li dak iż-żmien partikolari l-fond ma kienx abitat u ma kien hemm ħadd jirrisjedi fih huwa immaterjali għaliex f'dan il-każ hu evidenti li l-lok hu mgħammar bħala dar ta' abitazzjoni. Fi kwalsiasi każ, peress li l-liġi fl-Artikolu 269 tal-Kap. 9 ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn dar ta' abitazzjoni li hija okkupata jew attwalment isservi bħala residenza u dik li m'hijiex, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tagħmel hija stess dik id-distinzjoni.

Kwantu għall-kwalifika tal-valur, il-Qorti tosserva li għalkemm Alfred Darmanin xehed illi huwa kellu s-somma ta' €18,000 fi flus kontanti ġewwa s-*safe* li nsterqu, flimkien ma' oġġetti tad-deheb, jirriżulta li huwa rrapporta li minn ġos-*safe* kien insteraq biss l-ammont ta' €8,000. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' PS 1593 Alfred Cachia ikkonferma li d-derubat kien irrapporta li minn ġos-*safe* kienu nsterqu €8,000 kif ukoll xi dehbijiet antiki, flimkien ma' somma oħra ta' €500 f'kontanti li kienet moħbija f'lok ieħor fir-residenza. Carmel Hartley xehed illi mill-flus kontanti li nsterqu, huwa ngħata €3,500 iżda ma jafx kemm insteraq flus b'kollox. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-deheb li ġie misruq minn ġos-*safe*, Alfred Darmanin esebixxa riċevuta fis-somma ta' Lm330 maħruġa minn Frank Zampa Jewellery għall-bejgħ ta' "*Cullana Habel Deheb 18 carat*"[31] u xehed illi din il-kullana kienet fost il-ġojjellerija li nsterqet minn ġos-*safe*.

---

[31] Dok. AD7, fol. 202.

Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti li l-valur tal-oġġetti u flus misruqa, għalkemm mhux stabbilit b'ċertezza, definittivament jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 u għalhekk is-serq huwa aggravat bil-valur a tenur tal-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kap. 9.

Imbagħad, mix-xhieda ta' Carmel Hartley huwa ppruvat ukoll li s-serqa twettqet bil-lejl, bejn l-10.30 p.m. u l-11.00 p.m. li jfisser li s-serq hu aggravat ukoll bil-kwalifika tal-ħin.

Ikkunsidrat;

It-tieni imputazzjoni addebitata lill-imputat Matthew Portelli huwa r-reat ta' ħsara volontarja taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9. Huwa minnu li mill-provi, partikolarment ir-ritratti esebiti u x-xhieda ta; Carmel Hartley, jirriżulta b'mod skjaċċanti li l-imputat kisser is-serraturi ta' żewġ bibien u tas-safe, iżda huwa daqstant ovvju li din il-ħsara twettqet bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li, del resto, huwa aggravat ukoll bil-mezz. Billi l-imputat qed jinstab ħati ta' serq kwalifikat, fost oħrajn, bil-mezz għaliex sgassa s-serraturi u kwindi wettaq il-ħsara u għalhekk sejjer jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 sejra tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat ta' serq aggravat.

Ikkunsidrat;

L-imputat Matthew Portelli ġie akkużat ukoll li wettaq ir-reat ta' serq waqt il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation u Servizz. Kopja awtentikata bit-timbru tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti diversament preseduta li erogat sentenza mogħtija fid-19 ta' Lulju 2016, ġiet esebita fl-atti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosektur[32]. Jirriżulta li din is-sentenza qiegħdet lil Matthew Portelli, li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, taħt Ordni ta' Probation u Servizz a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap. 446 għal żmien tliet snin.

[32] Dok. JM5, fol. 30 *et seq*.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ressqet l-aħjar prova in sostenn tat-tielet imputazzjoni u jirriżulta illi effettivament, meta l-imputat Matthew Portelli wettaq is-serqa fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Marzu 2018, din l-Ordni kienet għadha fis-seħħ bir-riżultat li jsibu applikazzjoni fil-konfront tal-imputat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446. Għaldaqstant, il-Qorti għandha tittratta lill-imputat Matthew Portelli għar-reati ta' serq u oħrajn li dwarhom saret dik l-Ordni bis-saħħa tas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, bħallikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha għal dak ir-reat.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva fir-raba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni, bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosektur, esebiet kopja ta' żewġ sentenzi[33] debitament awtentikati bit-timbru u l-firma tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi, li permezz tagħhom Matthew Portelli, li għandu l-istess konnotati preċiżi tal-imputat odjern, ġie kkundannat għad-delitt ta' serq u riċettazzjoni u ngħata sentenza ta' priġunerija effettiva u sentenza sospiża, rispettivament. Għall-Qorti dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ressqet prova biżżejjed tal-addebitu tar-reċidiva u effettivament, jirriżulta li qabel ikkommetta r-reati li qed jinstab ħati tagħhom illum, l-imputat odjern kien diġa' ġie kkundannat għar-reati ta' serq u riċettazzjoni[34] b'sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u għalhekk huma sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9.

Kwantu għall-addebitu ta' reċidiva għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, dan jipprovdi:-

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħorfi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġietmaħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena*

[33] Dok. JM3, sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Matthew Portelli**, u Dok. JM4, sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Diċembru 2007, fol 27 *et seq*. (Ara wkoll Dok. JM11 fol. 309 *et seq*.)

[34] Reati li huma msemmija fis-Sub-Titolu I tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

*kien iżjed minnħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor.*

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta mis-sentenzi esebiti fl-atti li l-imputat Portelli ġie kkundannat piena ta' priġunerija effettiva għal 19-il xahar permezz ta' sentenza finali mogħtija fis-16 ta' Marzu 2006. Dan ifisser li l-piena kellha tiġi definittivament skontata sas-16 ta' Ottubru 2007. Madanakollu, billi ż-żmien tal-piena ma kienetx teċċedi ħames snin priġunerija, biex tinstab ħtija għall-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artiklu 50 tal-Kap. 9, ir-reati mertu tal-proċeduri odjerni kellhom jiġu kommessi matul ħames snin mill-imsemmija data, iżda dan evidentement mhux il-każ. Fil-każ, imbagħad, tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007 fejn l-imputat ġie kkundannat sentenza ta' priġunerija sospiża għal tliet snin, il-piena titqies li ġiet skontata mal-iskadenza tal-perijodu operattiv tas-sentenza ċioe' fit-12 ta' Diċembru 2010, iżda għal darb'oħra, meta l-imputat ikkommetta r-reat ta' serq mertu ta' dawn il-proċeduri odjerni, kienu għaddew iktar minn ħames snin minn meta ġiet skontata l-imsemmija piena.

Safejn għandħa x'taqsam is-sentenza l-oħra esebita mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' dan l-addebitu – mogħtija fid-19 ta' Lulju 2016 – kif rajna din poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Probation u Servizz. Kif inhu risaput, is-sanzjonijiet komunitarji mhumiex meqjusin bħala kundanna: effettivament, dawn jiġu applikata **minflok** tingħata sentenza, speċifikatament sentenza ta' priġunerija[35] proprju għaliex il-Qorti tkun qieset li ma jkunx spedjenti li twaħħal ebda piena. Kemm hu hekk, jinsab ritenut illi fejn il-ħati ingħata sanzjoni kontemplata fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446):-

"*... kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Desira deciz fid-9 ta' Jannar 2013.*"[36]

---

[35] Artikoli 7 u 18 tal-Kap. 446.

[36] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

Għaldaqstant, ma jistax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni fil-każ tal-imputat Matthew Portelli, il-fedina penali ferm oneruża tiegħu u l-fatt evidenti li l-imputat mhux interessat jirriforma ruħu tant illi wettaq dawn ir-reati wara li kien ingħata opportunita' li jqiegħed ħajtu fuq binarji tajbin u jwarrab il-passat delinkwenti tiegħu. F'kull każ, il-Qorti ma tistax ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A(7) tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 23(2) tal-Kap. 446 u dan in vista tal-fatt illi l-imputat qed jinstab ħati li kkommetta din is-serqa meta kien jinsab taħt Ordni ta' Probation u Servizz. Dan kollu jfisser li l-piena għandha tkun waħda karċerarja li tirrispekkja wkoll il-fatt li l-imputat Portelli qed jinstab ħati wkoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9.

In kwantu għall-imputata Lucia Taliana, il-Qorti ħadet qies tal-eta' matura tagħha u l-fatt li hija għandha fedina penali kompletament netta iżda fl-istess waqt dawn il-fatturi mitiganti għandhom jiġi kkalibrati kontra l-fatt li hija pparteċipat bħala kompliċi fil-kommissjoni ta' reat ta' serq aggravat u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kompliċita'.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280(2), 289 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 7, 18, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil MATTHEW PORTELLI ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kwantu għar-raba' imputazzjoni, issibu ħati tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux taħt l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah sentejn priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda wkoll tittratta lill-ħati għar-reati li dwarhom saret l-Ordni ta' Probation u Servizz fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Carmel Hartley, Matthew Portelli</u> u tikkundannah sentejn priġunerija.**

**B'kollox erba' (4) snin priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lill-parti offiża f'dan il-każ, ċioe' lil Alfred Darmanin, is-somma ta' erbat elef u tliet mitt Euro (€4,300) bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li qed jinstab ħati tiegħu, u dan fi żmien sitt (6) xhur mid-data meta jkun skonta l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Kwantu għal LUCIA TALIANA, wara li rat l-Artikoli 42(d), 43, 44, 45, 46, 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269(g), 270, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u tikkundannaha tmintax (18)-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin mil-lum, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati MATTHEW PORTELLI u LUCIA TALIANA jħallsu lir-Reġistratur**

**tal-Qorti is-somma ta' tliet mija u tlieta u sebgħin Euro (€373.00)[37] kull wieħed rappreżentanti terz kull wieħed tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra esperti fil-proċeduri odjerni u fil-proċess verbal tal-Inkjesta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[37] €152.77 – WPC 363 Caroline Meilak – Dok. CM; €136.99 PC1007 Jean Paul Pizzuto - Dok. JPP; €477.43 – Dr A Cutajar – Dok. AC; €130.40 – PC302 B Alken – Dok. BA; Dok. MM €210.96 – fol. 208 *et seq.*; €11.09 – Dok. MM1 – fol 326 *et seq.* Total ta' €1,119.64.